# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 8 ta'Marzu 2002**

**Avviz. numru 376/97**

**Numru 29**

**Anthony u Ruth konjugi Bugeja**

**vs**

**Patrick Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi is-somma ta' Lm378.06,0 (tlett mija u tmienja u sebghin Lira Maltija u sitt centezmi) bhala danni mill-konvenut kagunati fl-incident awtomobilisitku tal-15 ta' Lulju, 1996, gewwa Birkirkara By-Pass, bejn il-vettura numru H-9711 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru O-1349 misjuqa mill-attrici Ruth Bugeja, liema incident gara

unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-isepjjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 1996, u bl-imghax legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-atturi, in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni li sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attrici Ruth Bugeja.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-atturi huwa eccessiv u esagerat.

3. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat in-nota (a fol 23 ibid) li biha l-atturi rriducew it-talba taghhom ghal Lm270.08,0 'stante zball fil-kuntegg'.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Avukat difensur tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, Ruth Bugeja, li kienet qed issuq il-vettura 'Peugeot 106' numru O-1349, spjegat (fol 15 u fol 64 et seq ibid) li kienet qed issuq mid-direzzjoni tan-Naxxar u ser tidhol fl'hekk imsejjha 'by pass ta' Birkirkara' ossija Triq Dun Karm Psaila. In rigward dan hi testwalment xehdet 'Kif kont ser nohrog ghal gol-by pass, jien harist lejn il-lemin sabiex nara jekk humiex gejjin karrozzi, oltre li waqqaft il-karozza. Jien rajt li fuq il-lemin ma kien gej hadd'. Pero kif kienet ser iddur lejn ix-xellug, saret il-habta in esami 'billi l-iehor …..ipprova jghaddi minn naha ta' gewwa tieghi' cioe fuq ix-xellug taghha. Wara li saret il-habta, hi kompliet issuq fuq il-karreggata interna tal-istess by pass sakemm waqfet fejn, waqt li l-partijiet involuti kienu qed jistennew il-wasla tal-Pulizija, il-karozza misjuqa minnha qalghet daqqa ohra minn vettura ohra, estranea ghal dan il-kaz (ara ukoll dak li stqarru l-istess partijiet kif risultanti mill-kopja tar-rapport esebit, in atti , a fol 35).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut is-sewwieq tal-karozza numru H 9711 (fol 52 et seq ibid) da parti tieghu sostna li hu ukoll, kien hiereg ghall-istess by pass. Hemmhekk kien hemm zewg fillieri ta' karrozzi sejrin fl-istess direzzjoni u 'Eventwalment messni jiena biex nidhol fuq il-main road'. Hu kompla jispjega li quddiemu kien hemm karozza ohra waqt, fuq il-lemin tieghu ('ma xulxin') kien hemm dik misjuqa mill-attrici. Meta hu beda' sabiex johrog fuq it-triq principali, il-karozza fuq il-lemin tieghu, misjuqa mill-attrici, 'bdiet tippunta sabiex tohrog quddiemi'. Ghalhekk hu waqaf izda, 'Hi kisret ghal fuqi u laqtet il-parti ta' wara tal-karozza taghha mal-'bumper' tieghi tar-'right'.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati x-xhieda sottomessi rispettivament mill-partijiet, jidher evidenti li dawn il-versjonijet huma ugwalment kredibbli u kull wahda tista' tirrispekkja dak li effettivament gara f'dan il-kaz. Illi, ghalhekk ma jidhirx li l-attrici ipprovat, b'mod konvincenti fuq basi ta' probabilta, li kien hemm xi traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat.

Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici b'kull parti thallas l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat.Registratur